# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 17 ta' Ġunju, 2021**

**Kawża Nru. 22**

**Rik. Nru. 600/14 JRM**

Alan Joseph **FIOTT**

vs

**Il-KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU**; Id-Direttur-Ġenerali Servizzi Edukattivi fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u Xogħol; u Victor Aġius, Amanda Muscat u Jacqueline Paċe Delicata fil-kwalità tagħhom ta' membri tal-Bord ta' Dixxiplina in rappreżentanza ta' l-istess Bord ta' Dixxiplina

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-7 ta' Lulju, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm dettaljatament imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti (i) ssib li d-deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku b'*e-mail* tal-11 ta' Frar, 2014, fis-sura ta' parir mogħti lid-Direttur-Ġenerali mħarrek ma tiswiex u hija bla effett għax jikser il-Kostituzzjoni ta' Malta u hija *ultra vires* bi ksur tal-Artikoli 469A(1)(a) u 469A(1)(b)(i),(ii) u (iv) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta'

Malta; (ii) ssib li d-deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku b'*e-mail* tal-11 ta' Frar, 2014, fis-sura ta' parir mogħti lid-Direttur-Ġenerali mħarrek ma tiswiex u hija bla effett u *ultra vires* bi ksur ukoll tal-artikolu 469A(1)(b)(iii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta minħabba li jikkostitwixxi abbuż tas-setgħat tal-Kummissjoni billi ssejjes fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti; (iii) ssib li d-deċiżjoni li ħa d-Direttur-Ġenerali li jerġa' joħroġ akkużi oħrajn kontrih wara li ngħata parir, direzzjoni u deċizjoni f'dan is-sens mill-Kummissjoni ma tiswiex u hija bla effett billi l-għemil huwa *ultra vires* bi ksur tal-Artikolu 469A(1)(b)(i),(ii) u (iii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (iv) issib li r-rapport maħruġ mill-membri tal-Bord ta' Dixxiplina huwa msejjes, ibbażat u fih deċizjonijiet li huma nulli, invalidi u bla effett, billi l-egħmil amministrattiv magħmul minnhom huwa *ultra vires* bi ksur tal-Artikolu 469A(1)(b)(ii),(iii) u (iv) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Talab ukoll l-ispejjeż tal-protest ġudizzjarju u tal-mandat ta' inibizzjoni numru 803/2014/JZM, u rriżerva d-dritt ta' azzjoni għad-danni mġarrba minnu;

Rat id-digriet tagħha tal-10 ta' Lulju, 2014[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fil-11 ta' Awwissu, 2014, li biha l-imħarrkin Direttur-Ġenerali u Victor Aġius, Amanda Muscat u Jacqueline Paċe Delicata fil-kwalita` tagħhom ta' membri tal-Bord ta' Dixxiplina b'rappreżentanza tal-istess Bord ta' Dixxiplina laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li l-azzjoni attriċi ma jmisshiex tintlaqa' għaliex (i) għall-finijiet tal-Artikolu 469A(4) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, l-attur seta' inqeda b'rimedji oħra fil-liġi biex jikkontesta l-att amministrattiv mertu tal-każ (ii) id-dikjarazzjoni li għamel il-Kap tad-Dipartiment fejn wera fehma tiegħu dwar il-każ tal-attur ma tistax titqies bħala għemil amministrattiv; (iii) ukoll li kieku wieħed jaċċetta li l-attur seta' ressaq din l-azzjoni, naqas li jagħmel dan fiż-żmien ta' sitt xhur li tagħtih il-liġi biex jagħmel dan taħt l-Artikolu 469A(3) tal-istess Kodiċi li bdew miexja minn meta l-attur irċieva d-dikjarazzjoni mingħand id-Direttur. Fil-mertu, laqgħu billi saħqu li mxew skond ir-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, għaldaqstant il-proceduri m'humiex ivvizzjati w ma jiksrux l-Artikolu 469A(1)(b) tal-Kap 12;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fil-11 ta' Awwissu, 2014, li biha il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (minn issa 'l hemm imsejħa "KSP") laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li l-aġir tagħha mhux sindakabbli mill-Qorti skond l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni għaliex hija mxiet b'ħaqq u skond il-liġi f'dak li jirrigwarda l-każ tal-attur. Fil-mertu, qalet li hija

[1] Paġ. 55 tal-proċess

mxiet mar-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li jitolbu li l-proceduri ma jitmexxewx b'formalita` żejda. Għaldaqstant, id-direzzjoni proċedurali mogħtija minnha la laqtet il-mertu tal-każ u l-anqas kisret b'xi mod il-jedd tal-attur għal smigħ xieraq;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Novembru, 2014[2], li bih ordnat li qabel kull ħaġ'oħra kienet ser tisma' it-trattazzjoni tal-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari tal-imħarrkin, barra l-Kummissjoni mħarrka, u tat żmien lill-imħarrkin sabiex jippreżentaw nota dwar il-provi marbuta ma' dawn l-eċċezzjonijiet;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrkin (barra l-Kummissjoni mħarrka) tat-28 ta' Novembru, 2014[3], li biha nformaw lill Qorti li f'dan l-istadju ma kellhomx provi x'iressqu;

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' Jannar, 2015[4], li biha tat żmien lill-partijiet sabiex iressqu s-sottomissjonjiet tagħhom dwarhom;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' April, 2015[5], li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet it-talba mressqa mill-imħarrkin b'rikors tagħhom tal-5 ta' Frar, 2015[6], biex jitħallew iressqu eċċezzjonijiet ulterjuri għal dawk ġa` mressqa fit-Tweġiba Maħlufa tagħhom;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin Direttur-Ġenerali u Victor Aġius, Amanda Muscat u Jacqueline Paċe Delicata fid-29 ta' Mejju, 2015[7], dwar l-eċċezzjonijiet preliminari msemmija;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-attur tat-28 ta' Settembru, 2015[8], bi tweġiba għal dik tal-imħarrkin;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawza għas-sentenza dwar l-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari imsemmija mill-imħarrkin;

***Ikkonsidrat:***

[2] Paġ. 75 tal-proċess
[3] Paġ. 76 tal-proċess
[4] Paġ. 78 tal-proċess
[5] Paġ. 82A tal-proċess
[6] Paġ. 80 – 1 tal-proċess
[7] Paġġ. 88 sa 96 tal-proċess
[8] Paġġ. 99 sa 107 tal-proċess

Din hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju dwar proċeduri dixxiplinari mnedijin kontra uffiċjal fis-Servizz Pubbliku. L-attur jilmenta minn għemil illegali u abbużiv dwar il-mod kif il-KSP tat parir lid-Direttur-Ġenerali mħarrek fi stadju bikri tal-proċeduri ta' dixxiplina miġjuba kontrih, dwar bdil ta' dettalji fl-akkuża mressqa kontrih u mingħajr ma għarrfitu b'dan il-bdil, u wara li kien diġà ressaq id-difiża tiegħu għax-xilja dipartimentali. L-attur jgħid li dan wassal biex il-KSP tilfet l-indipendenza u l-imparzjalita` tagħha, u qed jitlob li l-Qorti ssib li l-għemil tagħha jikser il-Kostituzzjoni ta' Malta u jmur lil hinn ("*ultra vires*") mis-setgħat mogħtijin lilha bil-liġi billi l-liġi ma kienet tagħtiha l-ebda setgħa biex twettqu, billi kisret il-prinċipji tal-ġustizzja naturali, u kif ukoll billi kisret il-liġi;

Illi l-attur iressaq ilment ukoll kontra l-aġir tad-Direttur-Ġenerali mħarrek minħabba li, wara li ħareg ittra-akkuża fejn għarrfu illi fil-fehma tiegħu l-akkużi jikkostitwixxu reat gravi li jwassal għal tkeċċija minn mas-Servizz Pubbliku, talab parir mingħand il-KSP fuq il-kontenut tagħha u billi, wara l-għoti tal-parir mitlub, bidilha f'xi dettalji u taha effett retroattiv. L-attur jisħaq li l-imħarrek ma kienx awtorizżat illi jimxi kif mexa, li naqas li jħares il-principji tal-ġustizzja naturali, u billi l-għemil tiegħu kien msejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti u bi ksur tal-liġi;

Illi l-attur iressaq ilment ukoll kontra l-Bord tad-Dixxiplina maħtur biex jistħarreġ il-każ tiegħu, billi r-rapport illi l-Bord ħareġ kontrih kien ukoll vizzjat għax il-Bord mexa lil hinn ("*ultra vires*") mis-setgħet mogħtija lilu mil-liġi għaliex naqas li jħares il-principji tal-ġustizzja naturali, billi l-għemil tiegħu kien imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti u billi mexa bi ksur tal-liġi;

Illi l-attur ressaq il-każ tiegħu f'azzjoni taħt l-Artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi ressqu eċċezzjonijiet preliminari u kif ukoll eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-imħarrkin (minbarra l-KSP), jiġifieri li l-attur ma setax jibda din l-azzjoni ladarba kellu rimedju ieħor xieraq fi proċedura speċjali quddiem il-KSP li ma nqediex bih, u li d-dikjarazzjoni li għamel il-Kap tad-Dipartiment fejn esprima opinjoni m'għandhiex titqies bħala għemil amministrattiv kif tifhmu l-liġi. Jgħidu wkoll illi l-azzjoni ma nġabetx fi żmien sitt xhur minn meta l-attur irċieva d-dikjarazzjoni minghand id-Direttur-Ġenerali mħarrek;

Illi l-fatti li joħorgu mill-atti ta' din il-kawża juru li l-attur jaħdem fis-Servizz Pubbliku bħala *Supply Learning Support Assistant* (SLSA) fi ħdan id-Dipartiment tal-Edukazzjoni fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u Xogħol. F'Novembru tal-2013 huwa kien jaħdem fl-iskola primarja tal-Marsa;

Illi fid-9 ta' Diċembru, 2013[9], l-attur irċieva ittra mingħand id-Direttur-Ġenerali mħarrek fejn għarrfu illi, wara argument illi kien seħħ fl-iskola ta' Ħal Tarxien bejnu u bejn għalliema oħra fit-13 ta' Novembru, 2013, kienu ser jittieħdu passi dixxiplinarji kontrih skond ir-Regolament 20(2) tar-Regolamenti ta' l-1999 tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta' Dixxiplina)[10] (minn issa 'l quddiem imsejħa "ir-Regolamenti") b'akkużi marbuta ma' mġiba arroganti u abbużiva lejn uffiċjal pubbliku ieħor, b'vittimiżżazzjoni ta' uffiċjal pubbliku fit-twettiq ta' dmirijietha, u b'nuqqas ta' eżerċizzju ta' funzjoni ta' superviżjoni kif jixraq. Fl-imsemmija ittra, id-Direttur-Ġenerali mħarrek għarraf lill-attur li dawk l-akkużi kienu jikkostitwixxu reat gravi li seta' jwassal għal tkeċċija mis-Servizz, u talbu jagħtih it-tweġiba tiegħu bil-miktub għal dawk ix-xiljiet fi żmien għaxart ijiem. L-ittra kienet tgħidlu wkoll li kellu jedd ta' aċċess għal kull dokument dwar il-każ tiegħu f'każ li xtaq jarahom;

Illi sitt ijiem wara, jiġifieri fil-15 ta' Dicembru, 2013[11], l-attur wieġeb għal dawk l-akkużi billi kkontesta l-kontenut tagħhom u spjega kif seħħ l-argument u x'intqal. Huwa għarraf ukoll lid-Direttur-Ġenerali mħarrek illi huwa kien jaħdem fl-iskola tal-Marsa u mhux Ħal Tarxien, kif ingħad bi żball fl-ittra mibgħuta lilu fid-9 ta' Diċembru, 2013;

Illi fil-31 ta' Jannar, 2014[12], xi żmien wara li waslet it-tweġiba tal-attur, uffiċjal fi ħdan id-Dipartiment talab parir mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tal-KSP dwar jekk il-proċeduri ta' dixxiplina mibdija kontra l-attur setgħux jitkomplew minħabba l-iżball fit-tismija tal-lokalita` tal-iskola ta' fejn seħħ l-argument li jissemma fl-ittra tad-9 ta' Diċembru, 2013;

Illi fil-11 ta' Frar, 2014[13], is-Segretarju Eżekuttiv tal-KSP wieġeb billi qal li l-proċeduri mibdija għandhom jitkomplew billi ssir tiswija formali għall-ittra-akkuża tad-9 ta' Diċembru, 2013, u li kopja tagħha kif mibdula tintbagħat lill-attur mill-ġdid. Il-KSP fissret il-fehma illi ladarba l-mertu tat-talba li tressqet quddiemha kienet tirrigwarda biss żball marbut mal-post fejn seħħ l-argument, u li dan ma jaffettwax l-allegat inċident jew is-sustanza tax-xiljiet, l-iżball fl-ittra ma kienx iwassalx għal ksur tad-dritt ta' uffiċjal skond ir-Regolament 6 tar-Regolamenti;

[9] Dok. "AJF1" f'paġġ 13 – 4 tal-proċess
[10] A.L. 186/99 (L.S. Kost.03) (mibdula b'A.L. 66/17 b'seħħ mill-1.3.2017)
[11] Dok. "AJF2" f'paġġ 15-16 tal-proċess
[12] Dok. "AJF3" f'paġ 17 tal-proċess
[13] Dok. "AJF4" f'paġ 19 tal-proċess

Illi fit-13 ta' Frar, 2014[14], l-attur irċieva ittra oħra bl-akkużi miġjuba kontrih tixbah dik tad-9 ta' Diċembru, 2013, bid-differenza illi saret bidla fit-tismija tal-post fejn ġara l-argument, kif ukoll li l-attur ġie mgħarraf illi din l-ittra għandha titqies daqslikieku nħarget fid-9 ta' Diċembru, 2013;

Illi fil-21 ta' Marzu, 2014[15], l-attur resaq quddiem il-Bord tad-Dixxiplina mħarrek, tqajmu xi eċċezzjonijiet proċedurali (li ma ntlaqgħux), tkompla s-smigħ tal-każ u fl-4 ta' April, 2014, inħareġ rapport bil-fehmiet tal-Bord;

Illi fl-14 ta' Mejju, 2014[16], l-attur ġie mgħarraf bil-fehmiet tal-Bord, u kopja tar-rapport intbagħtet lill-KSP. Huwa ġie mgħarraf wkoll bid-data[17] u l-ħin tas-smigħ tal-każ tiegħu quddiem il-KSP;

Illi fl-20 ta' Mejju, 2014[18], l-attur ipprotesta formalment kontra l-proċeduri li ttieħdu kontrih, għal liema protest, l-imħarrkin (minbarra l-KSP) ressqu l-kontestazzjoni tagħhom f'kontro-protest imressaq minnhom fis-16 ta' Ġunju, 2014[19];

Illi fid-29 ta' Mejju, 2014 l-attur ressaq talba għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-imħarrkin (minbarra l-Bord) quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta)[20] sabiex iwaqqaf is-smigħ tal-każ tiegħu quddiem il-KSP, liema talba ntlaqgħet fil-konfront tal-KSP permezz ta' digriet tas-27 ta' Ġunju, 2014[21];

Illi fis-7 ta' Lulju, 2014, l-attur fetaħ din il-kawża;

Illi <u>l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> marbutin mal-eċċezzjonijiet preliminari taħt eżami jirrigwardaw aspetti proċedurali li jolqtu l-azzjoni attriċi;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**ewwel eċċezzjoni preliminari** li trid li, għall-finijiet tal-Artikolu 469A subinciz (4) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, l-attur seta' inqeda b'rimedji oħra fil-liġi biex jikkontesta l-att amministrattiv mertu tal-każ, l-imħarrkin jgħidu li l-attur kellu rimedju xieraq stabbilit bi proċedura speċjali quddiem il-KSP u naqas milli jinqeda bih. L-imħarrkin jistrieħu fuq ir-

---

[14] Dok. "AJF5" f'paġġ 19 – 20 tal-proċess
[15] Dok. "AJF6" f'paġġ 21 sa 30 tal-proċess
[16] Dok. "AJF7" f'paġ 31 tal-proċess
[17] 5 ta' Ġunju, 2014
[18] Dok. "AJF8" f'paġġ 33 sa 40 tal-proċess
[19] Dok. "AJF9" f'paġġ 41 – 2 tal-proċess
[20] Nru. 803/2014JZM
[21] Paġġ 44 sa 53 tal-proċess

Regolamenti li jipprovdu għal smigħ u konsiderazzjoni mill-Kummissjoni tal-fehmiet li jkun wasal għalihom il-Bord fir-rapport tiegħu. L-imħarrkin jisħqu illi l-attur irrinunzja għal dan ir-rimedju, u, minflok, talab il-ħrug ta' mandat ta' inibizzjoni bil-ħsieb li jwaqqaf il-proċess kollu;

Illi min-naħa tiegħu, l-attur jgħid illi din il-kawża tinbena fuq deċiżjonijiet meħuda mid-Direttur-Ġenerali mħarrek u kif ukoll fuq dawk meħudin mill-KSP u l-Bord. Huwa jisħaq li, fil-każ tad-deċiżjoni meħuda mid-Direttur-Ġenerali mħarrek li talab u kiseb parir mill-KSP, il-liġi ma tagħti lill-attur l-ebda rimedju dwar x'jiġri meta l-KSP tiggwida lil min ikun ressaq akkuża kontra uffiċjal pubbliku. B'mod partikolari, fir-rigward tat-talba li saritilha mid-Direttur-Ġenerali mħarrek dwar l-iżball li kien sar fit-tismija tal-iskola li fiha suppost ġara l-inċident u li nħareġ fl-ittra li ntbgħatitlu fid-9 ta' Diċembru, 2013, l-attur jisħaq illi l-għoti ta' parir mill-KSP kien pass irregolari għaliex, bil-parir li tat, il-KSP ma setgħetx tagħti ġudizzju b'mod imparzjali meta 'l quddiem il-każ jerġa' jasal quddiemha. Jgħid ukoll illi r-Regolamenti fuq imsemmija ma jirregolawx sitwazzjoni fejn il-KSP, li jmissha tisma' liż-żewġ partijiet, tagħti parir lil xi parti minnhom u l-parti milquta ħazin tkun trid tikkontesta dan l-aġir. Fir-rigward tad-deċiżjoni tad-Direttur-Ġenerali mħarrek li jerġa' joħroġ ittra-akkuża b'data li tmur lura għad-data tal-akkuża oriġinali, l-attur jgħid li ladarba l-imħarrek stqarr li kien għamel hekk fuq parir tal-KSP nnifisha, ma setax jifhem kif l-imħarrkin qegħdin jgħidu li jmissu fittex rimedju quddiem il-KSP stess. Fl-aħħarnett, dwar ir-rapport tal-Bord, huwa jgħid li ladarba r-rapport tal-Bord huwa l-frott tan-nuqqasijiet li ssemmew qabel, ma kien jiswielu xejn li joqgħod jattakkah quddiem il-KSP minflok iressaq il-kawża tallum. Għaldaqstant, jisħaq li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 469A(4) imsemmi fl-eċċezzjoni taħt eżami ma jgħoddx għall-każ tiegħu;

Illi l-Qorti trid iżżomm quddiem għajnejha illi din l-eċċezzjoni tressqet mill-imħarrkin Direttur-Ġenerali u l-Bord fil-konfront tal-allegazzjonjiet li l-attur iġib kontrihom u kif ukoll kontra l-KSP[22]. Imma l-KSP qagħdet lura u ma sseħbitx mal-imħarrkin l-oħrajn fit-tressiq ta' dawn l-eċċezzjonijiet preliminari. Fir-rigward tad-Direttur-Ġenerali, l-allegazzjonijiet huma tlieta: l-ewwel illi huwa ma kellux jitlob parir mingħand il-KSP li, fl-aħħar mill-aħħar, kienet se tiġġudika l-każ tal-attur; it-tieni li d-Direttur-Ġenerali kellu jgħarraf lill-attur u jisimgħu qabel ma joħrog l-ittra tat-13 ta' Frar, 2014, bl-akkużi korretti; u t-tielet li d-Direttur-Ġenerali mħarrek ma setax jagħti effett retroattiv lill-ittra tat-13 ta' Frar, 2014. Fir-rigward tal-Bord, l-allegazzjoni hija li r-rapport issejjes fuq deċiżjonijiet nulli, invalidi u bla effett;

[22] Ara l-paragrafu 10 u 11 tar-Rikors Maħluf

Illi l-Qorti hija tal-fehma illi biex tqis din l-eċċezzjoni preliminari għandha tara jekk ir-Regolamenti jipprovdux għal mod kif seta' jinkiseb ir-rimedju mill-attur għall-imsemmija lmenti tiegħu. Filwaqt illi r-Regolamenti jfasslu l-proċedura illi d-Direttur-Ġenerali kellu jimxi magħha wara li rċieva t-tweġiba mingħand l-attur fil-15 ta' Dicembru, 2013[23], ir-Regolamenti huma għal kollox siekta f'każ li jirriżulta nuqqas min-naha tad-Direttur-Ġenerali f'xi parti miċ-"*charge*" li jkun qajjem kontra l-uffiċjal pubbliku, u għaldaqstant ir-Regolamenti jidhru illi ma jipprovdux rimedju lill-attur. Minbarra dan, fir-rigward tat-talbiet attriċi li jilmintaw mill-għoti ta' pariri lid-Direttur-Ġenerali mħarrek min-naħa tal-KSP, imkien ma jirriżulta li r-Regolamenti msemmija mill-imħarrkin jagħtu xi sura ta' rimedju dwar meta l-istess Kummissjoni tkun tat parir lil xi waħda mill-partijiet hi u miexja proċedura dixxiplinari. Forsi mhux l-istess ħaġa tista' tingħad fir-rigward tal-Bord. Ir-Regolamenti jitrattaw it-twaqqif tal-Bord, is-setgħat mogħtija lilu[24] bil-liġi, u jistabbilixxu wkoll il-proċedura li għandha tintuża f'każ li l-uffiċjal ma jaqbilx mar-rapport li jkun ħareġ il-Bord[25];

Illi l-Qorti tasal għall-fehma illi l-attur seta' dejjem qajjem l-ilmenti tiegħu quddiem il-Kummissjoni dwar ir-rapport tal-Bord, imma ma ntweriex li tabilħaqq kellu xi rimedju ieħor taħt xi liġi oħra dwar iż-żewġ ilmenti l-oħrajn. Ir-rimedju waħdieni kien azzjoni bħal din, liema azzjoni tista' tgħid saret inevitabbli wara l-ħruġ tal-provvediment li laqa' t-talba tiegħu għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni;

Illi l-Qorti jidhrilha li din l-eċċezzjoni hija tajba fil-konfront tal-Bord imħarrek għaliex ġie li l-attur warrab rimedju billi fetaħ dawn il-proċeduri[26], izda mhux fir-rigward tad-Direttur-Ġenerali mħarrek. Il-Qorti tifhem li l-istħarriġ li hija tagħmel jew tista' tintalab tagħmel ma jżommhiex milli tistħarreġ l-imġiba u s-siwi ta' deċiżjonijiet ta' awtorita` pubblika, l-aktar fejn lill-parti mġarrba ma jingħatalhiex jedd ta' appell statutorju minn tali deċizjoni;

Illi, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonjiet, il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari biss fir-rigward tal-Bord imħarrek u tat-tliet imħarrkin li jidhru għalih;

Illi t-**tieni eċċezzjoni preliminari** hija marbuta biss mal-mod kif mexa d-Direttur-Ġenerali mħarrek. Hija tirrigwarda l-opinjoni mogħtija mid-Direttur-Generali fl-ittra tad-9 ta' Diċembru, 2013. L-imħarrek jgħid illi dik l-opinjoni ma tistax titqies bħala "egħmil amministrattiv" skond l-Artikolu 469A subinċiż (2) għaliex kienet soġġetta għal stħarriġ mill-Bord tad-Dixxiplina;

---

[23] Ara reg 20(2)(e) tal-Proċeduri ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku (L.S. KOST.03)
[24]Ara reg 23(1) u 23(6) tal-Proċeduri ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku (L.S. KOST.03)
[25] Ara reg 26(2)(b) u 30 tal-Proċeduri ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku (L.S. KOST.03)
[26] Ara P.A. JA **29.10.2012** fil-kawza fl-ismijiet ***Michael Cohen et vs Awtorita` ta' Malta Ghall-Ambjent u Ippjanar et*** (mhix appellata), u r-referenza hemm imsemmija.

Illi l-attur jibda biex jgħid illi dak li qed jilmenta minnu huwa marbut mal-ittra tat-13 ta' Frar, 2014 u mhux dik tad-9 ta' Dicembru, 2013. F'dan ir-rigward, huwa jisħaq illi fl-ittra tat-13 ta' Frar, 2014, id-Direttur-Ġenerali mħarrek ma esprimiex sempliciment opinjoni, iżda bagħat jgħidlu espressament bil-parir li ngħatalu mill-KSP u li kienet ittieħdet deċiżjoni li l-ittra-akkuża tinħareġ mill-ġdid b'data li tmur lura għal meta ntbagħtet l-ewwel ittra-akkuża u daqslikieku kienet inħarġet hekk sa mill-bidunett. Huwa jtenni li ma kellu l-ebda diffikulta` bil-fehma tad-Direttur-Ġenerali mħarrek li joħroġ iċ-"*charge*" għaliex jagħraf li dik kienet ħaġa fis-setgħa tiegħu bħala superjur tiegħu, u għaliex kien jaf kif kien sejjer jiddefendi lilu nnifsu kontriha: dak li l-attur jilminta minnu, madankollu, kien jekk l-istess imħarrek setax jaqbad u jiddeċiedi li jerġa' joħroġ l-istess akkużi f'ittra oħra u dan b'effett li jmur lura għal qabel ma kienet tressqet l-ewwel difiża min-naħa tiegħu;

Illi l-kelma "opinjoni" taħt ir-Regolament 20(2)(a) hija marbuta ma' jekk il-Kap tad-Dipartiment (id-Direttur-Ġenerali mħarrek, f'dan il-każ) iqisx li l-akkużi jammontaw għal reat serju jew le, kif ukoll jekk l-akkuża tistax twassal għal tkeċċija. Min-naħa l-oħra, l-azzjoni tal-attur hija marbuta mad-deċiżjoni illi d-Direttur-Ġenerali mħarrek ħa (ukoll jekk bis-saħħa ta' parir mogħti lilu mill-KSP) biex jagħmel it-tibdiliet neċessarji fl-ittra tat-13 ta' Frar, 2014, u jgħoddha daqslikieku l-ittra nħarġet fid-data oriġinali, dik tad-9 ta' Diċembru, 2013;

Illi biex l-aġir tad-Direttur-Ġenerali mħarrek titqies bħala "egħmil amministrattiv", huwa jrid ikun "ħareg" ordni, licenzja, permess, warrant, deċizjoni jew ir-rifjut għal talba. Il-Qorti tasal għall-fehma illi d-Direttur-Ġenerali mħarrek ħa deċizjoni biex jitlob gwida jew parir lill-KSP u li dik id-deċiżjoni tenniha fl-ittra-akkuża mibgħuta lill-attur fi Frar tal-2014. Fil-fehma tal-Qorti, l-għemil amministrattiv kien jirrigwarda d-deċiżjoni li tinħareġ dik l-ittra b'seħħ minn żmien li jmur lura għal dakinhar li nħarġet l-akkuża kontra l-attur l-ewwel darba u li ħareġ ittra oħra b'effett retroattiv. Għall-kuntrarju ta' dak li jissottomettu l-imħarrkin eċċipjenti, dik it-tieni ittra kienet deċiżjoni għall-finijiet tat-tifsira ta' "egħmil amministrattiv" minkejja li ma kienx l-attur li talabha;

Illi fir-rigward taż-żewġ għemejjel l-oħrajn li l-attur ressaq dwarhom fil-kawża tiegħu, ma jidhirx li wieħed jista' tassew jgħid li dawn ma kinux ukoll "egħmil amministrattiv" kif tifhmu l-liġi;

Illi għaldaqstant il-Qorti ssib illi din it-tieni eċċezzjoni m'hijiex tajba u mhix sejra tilqagħha;

Illi fir-rigward tat-**tielet eċċezzjoni,** l-imħarrkin jgħidu li l-azzjoni attriċi ma tistax tissokta għaliex din ma tressqitx fi żmien sitt xhur kif jipprovdi l-Artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-imħarrkin jgħidu l-akkuża tressqet kontra l-attur fl-ittra tad-9 ta' Diċembru, 2013, filwaqt illi l-attur jorbot l-azzjoni tiegħu mal-ittra tat-13 ta' Frar, 2014, u dak li seħħ wara, għaliex huwa dwar dawk il-ħwejjeġ li jħoss li sar abbuż mis-setgħat amministrattivi tal-imħarrkin;

Illi huwa stabbilit illi ż-żmien ta' sitt xhur imsemmi fl-Artikolu 469A(3) tal-Kap 12 huwa wieħed ta' dekadenza[27], li jfisser li ż-żmien ma jiġix interrott jew sospiż bħalma jiġri fil-każ ta' terminu ta' preskrizzjoni. Iż-żmien jibda jgħaddi minn dakinhar li l-parti ssir taf jew messha ssir taf b'dak l-għemil, liema data tiġi l-ewwel[28], u ż-żmien jgħodd għal kull xorta ta' għemil amministrattiv, kemm dak fejn l-awtorita` pubblika tingħata diskrezzjoni u kif ukoll dak fejn ma ngħatat l-ebda diskrezzjoni kif taġixxi fuq talba li ssirilha[29];

Illi mill-qari tat-Tweġiba Maħlufa, il-Qorti ser tqis illi din l-eċċċezzjoni torbot biss lid-Direttur-Ġenerali mħarrek[30] għaliex jidher li tqajmet biss fil-konfront tiegħu. Il-Qorti tagħraf li f'dan il-każ, l-azzjoni tal-attur hija diretta lejn t-talba li ressaq id-Direttur-Ġenerali mħarrek lill-KSP fil-31 ta' Jannar, 2014[31] u d-deċizjoni li hu ħa li joħrog l-ittra tat-13 ta' Frar, 2014, b'effett retroattiv[32];

Illi l-Qorti ssib illi l-azzjoni tressqet mill-attur fiż-zmien is-sitt xhur miż-żewġ dati msemmija, u għaldaqstant l-eċċezzjoni marbuta mal-Artikolu 469A(3) mhix tajba u ser tiġi miċħuda;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** fir-rigward tal-imħarrka Victor Aġius, Amanda Muscat u Jacqueline Paċe Delicata fil-kwalita` tagħhom ta' membri tal-Bord ta' Dixxiplina u in rappreżentanza tal-istess Bord billi jirriżulta illi hija mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, iżda **tiċħadha** fir-rigward tal-imħarrek Direttur-Ġenerali;

[27] Ara fost l-oħrajn P.A. **2.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Gerard Żammit vs Awtorita` tal-Ippjanar*** (mhix ippubblikata); P.A. **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Dennis Tanti vs Ministru għall-Iżvilupp Soċjali et***; P.A. **31.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Roberto Zamboni noe. vs Id-Direttur tal-Kuntratti et***; App. Ċiv. **7.10.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Edward Paul Tanti vs Segretarju Amministrattiv tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru***; P.A. **10.11.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Mizzi vs L-Awtorita` tat-Turizmu et***; App. Ċiv. **10.5.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Victoria Borġ et vs Sindku u Segretarju in rappreżentanza Kunsill Lokali Pieta`***

[28] Art. 469A(3)

[29] App. Ċiv. **27.1.2006**, fil-kawża fl-ismijiet ***Nikol Borġ vs Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru***

[30] Tweġiba Maħlufa f'paġ. 61 tal-proċess

[31] Dok. "AJF3" f'paġ. 17 tal-proċess

[32] Dok. "AJF4" f'paġ. 19 tal-proċess

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari** billi ssib li l-ilmenti li jressaq l-attur fil-kawża tiegħu jirrigwardaw għemil amministrattiv u għalhekk din kienet l-azzjoni xierqa li kellha tittieħed;

**Tiċħad it-tielet eċċezzjoni preliminari** bħala mhix misthoqqa fil-fatt u fid-dritt għaliex l-attur ressaq il-kawża tiegħu fiż-żmien li titlob il-liġi; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bit-trattazzjoni dwar il-mertu tal-azzjoni attriċi u l-eċċezzjonijiet fil-mertu li tressqu dwarha. Għal dan il-għan, tordna li l-atti ta' din il-kawża jintbagħtu lir-Reġistratur ta' din il-Qorti biex jassenja l-kawża quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u li quddiemha jkompli jinstema' il-każ, filwaqt illi l-**kap tal-ispejjez** ikun determinat mas-sentenza tal-aħħar.

**Moqrija.**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imhallef**

**17 ta' Ġunju, 2021**